MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1093/2005

**Avukat Vincent Falzon bhala mandatarju ta' l-assenti David Camilleri.**

**vs.**

**Anthony Ferris.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta' Novembru 2005 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-attur *nomine* jikri lill-konvenut il-fond kummercjali numru 11, Manwel Dimech Street , Sliema, bil-kera ta' tliet mitt lira flus Maltin (LM300) (€698.81) fis-sena pagabbli

trimestralment bil-quddiem fl-4 ta' Marzu, Gunju, Settembru u Dicembru ta' kull sena;

Illi l-attur b'ittra ufficjali tat-23 ta' Frar 2005 interpella lill-konvenut illi ma kienx behsiebu igeddidlu din il-lokazzjoni mill-iskadenza li tghalaq bil-quddiem fl-4 ta' Marzu 2005 jekk mhux bil-kera ta' elf lira flus Maltin (Lm1,000) (€2,329.27) fis-sena u dan bid-divjet tat-twellija u sollokazzjoni lill-terzi; peress li l-konvenut qatt ma offra l-hlas tal-kera skadut la lill-atturi *nomine* u lanqas lill-mandanti tieghu David Camilleri li jinsab residenti l-Amerika u ghalhekk ma kienx hemm rifjut ta' dan il-hlas, u huwa ghadda biex iddepozita z-zewg skadenzi tal-kera li ghalqu bil-quddiem fit-3 ta' Dicembru 2004 u 3 ta' Marzu 2005 cedoli numru 802/05 u 803/05 hawn annessi bhala Dok."A" u "B"; illi konsegwament dawn id-depoziti ma humiex legalment validi;

Illi *nonostante* l-korrispondenza skambjata bejn l-esponent u l-konvenut dan ma pprezentax rikors quddiem l-Bord li Jirregola l-Kera ghall-fissazzjoni tal-kera xieraq skont il-ligi;

Illi konsegwament il-kera mitluba bl-ittra ufficjali fuq imsemmija ghandu jigi kunsidrat li hija l-kera stabbilita b'effett mill-4 ta' Marzu 2005.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi z-zewg depoziti li saru mill-konvenut biz-zewg cedoli numri 802/02 u 803/05 hawn annessi bhala Dok "A" u "B" ma sarux skont il-ligi u ghalhekk ma ghandhom ebda validita` legali;

2. Tiddikjara illi l-kera tal-fond Numru 11, Manwel Dimech Street, Sliema detenut b'titolu ta' lokazzjoni mill-konvenut minghand l-attur *nomine* huwa detenut b'kera annwali ta' elf lira flus Maltin (Lm1,000) (€2,329.27) pagabbli trimestralment b'effett mill-4 ta' Marzu 2005 ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

3. Alternivament jekk din il-Qorti ma takkoljix it-tieni talba ta’ l-attur *nomine* f’din ic-citazzjoni, tipprefiggi lill-konvenut terminu fiss u perentorju biex jipprezenta rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera xieraq tal-fond fuq imsemmi;

4. Tiddikjara prefiss u stabbilit minn din il-Qorti l-kera tal-fond fuq imsemmi jkun ta’ Lm1,000 (€2,329.27) fis-sena kif mitlub fit-tieni (2) talba ta’ l-attur fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluza l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Frar 2005 li huwa wkoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur *nomine* a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok “A” sa Dok “”H” kif jidher a fol. 4 sa 13 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-7 ta’ Frar 2006.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Ferris datata 18 ta’ Jannar 2006 a fol. 19 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi, *in linea* preliminari, l-eccipjent jecepixxi n-nuqqas ta’ kompetenza *rationae materia* ta’ din l-Onorabbli Qorti sabiex tittratta u tipprovdi dwar it-talbiet attrici kollha.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi z-zewg depoziti maghmula mill-konvenut bic-cedoli numri 802/02 u 803/05 saru biss wara u ghaliex l-istess konvenut eccipjenti kien gie notifikat bl-ittra ufficjali datata 23 ta’ Frar 2005 mibghuta mill-attur *nomine* li biha l-konvenut eccipjent gie mgharraf illi l-lokazzjoni *de quo* ma kinetx ser tigi mgedda aktar versu l-kera originali ta’ tliet mitt lira Maltin (Lm300) (€698.81) kif originarjament stipulat.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni li l-attur *nomine* qieghed jivvanta li ghandha tigi promossa mill-konvenut eccipjenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera hija milquta u ostakolata mill-perentorjeta` tal-gudikat peress illi dwar l-istess identika kwistjoni l-Bord li Jirregola l-Kera kien diga` stabbilixxa ma hemmx lok ghall-awment fil-kera peress illi din diga` teccedi b'erbghin fil-mija (40%) il-kera gusta li bih il-fond *de quo* jista' jinkera.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghall-istess ragunijiet indikati fit-tielet eccezzjoni l-konvenut ma ghandu jbati ebda spejjez.

Bl-ispejjez u bl-attur *nomine* minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 20 tal-process.

Rat l-ordni tal-Qorti kif hekk illum presjeduta tas-7 ta' Frar 2006 u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-istess Qorti hekk presjeduta tas-6 ta' April 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Vincent Falzon bhala attur *nomine* u Dr. Roberto Montalto ghall-konvenut. Dr. Falzon irrileva illi n-notifika ta' l-att tac-citazzjoni li gie rifjutat mill-mara tal-konvenut ghandha tigi kkonsidrata bhala valida u ghalhekk *stante* li ghaddew aktar minn ghoxrin (20) jum minn din in-notifika meta giet prezentata n-nota ta' l-eccezzjonijiet il-konvenut ghandu jigi kkonsidrat bhala kontumaci ghall-finijiet tal-ligi. Il-Qorti rrilevat illi r-riferta in kwistjoni hija dik *a tergo* ta' fol. 16 tal-process datata 23 ta' Novembru 2005 fejn hemm indikat illi *"Lorraine Ferres I. D. 171457M qaltli mhux ser niehu c-citazzjoni ghax ir-ragel ma jkunx hawn"* u dan kien miktub mill-Marixxall Raymond Pace. Dr. Roberto Montalto ma qabilx ma' dak indikat minn Dr. Falzon u talab zmien biex jirrispondi ghall-istess u jirregola ruhu. Il-Qorti tat erbat ijiem (4) zmien biex issir risposta u l-konvenut jirregola ruhu. Il-Qorti ordnat li ghas-seduta li jmiss quddiemha jigu mharrka l-Marixxall Pace, Anthony Ferris u Lorraine Ferris. Il-kawza giet differita ghall-11 ta' Mejju 2006 .

Rat in-nota tal-konvenut Anthony Ferris datata 19 ta’ April 2006 a fol. 29 tal-process fejn biha in ottemporanza mal-verbal tas-6 ta’ April 2006 huwa oggezzjona ghat-talba attrici ivverbalizzata fl-istess seduta tas-6 ta’ April 2006.

Rat il-verbali tas-seduti tal-11 ta’ Mejju 2006 u tat-3 ta’ Ottubru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Vincent Falzon bhala attur u Dr. Roberto Montalto ghall-konvenut. Xhedu bil-gurament Raymond Pace u Lorraine Ferris. *In vista* tax-xhieda odjerna Dr. Falzon irtira kull oppozizzjoni tieghu ghall-prezentata tan-nota ta’ l-eccezzjoni u fl-istess waqt l-attur Anthony Ferris ta ruhu b’notifikat bl-avviz tas-smigh tal-kawza u bic-citazzjoni attrici, u Dr. Falzon ta ruhu b’notifikat bl-eccezzjonijiet diga` prezentati. Dr. Roberto Montalto ghandu jipprezenta nota fi zmien tletin (30) jum b’xi dokumenti b’kopja lid-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-24 ta’ Ottubru 2006; tal-24 ta’ Ottubru 2006; ta’ l-1 ta’ Frar 2007; tas-26 ta’ April 2007 u tal-11 ta’ Ottubru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Vincent Falzon bhala attur. Dr. Roberto Montalto msejjah diversi drabi baqa’ ma deherx. Il-kawza giet differita ghal decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni dwar il-kompetenza *“rationae materia”* ghall-31 ta’ Jannar 2008.

Rat in-nota tal-konvenut Anthony Ferris pprezentata fl-24 ta’ Ottubru 2006 a fol. 41 tal-process li biha pprezenta kopja legali tad-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera datata 27 ta’ Novembru 2007 fl-ismijiet **“Anthony u Maria Lorraine mizzewgin Ferris vs Inez Vella et.”** immarkata bhala Dok. “AF 1”.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-31 ta’ Jannar 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Errol Cutajar ghall-attur. Il-kawza giet deciza in parte fis-sens li giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni u provi ghall-1 ta’ April 2008.

Rat id-decizjoni moghtija fl-ismijiet premessi datata 31 ta’ Jannar 2008 (fol. 53) fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut

fejn il-Qorti cahdet din l-ewwel eccezzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Otturbu 2008 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Vincent Falzon ghall-attur. Dr. Montalto msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-kawza giet differita ghas-sentenza *in difett ostacolo* ghall-24 ta' Frar 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur *nomine* qieghed principarjament jitlob lil din il-Qorti tipprefiggi terminu lill-konvenut sabiex jintavola rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jopponi ghall-awment fil-kera u il-bdil fil-kundizzjonijiet tal-kera tal-fond mertu ta' din il-kawza *ai termini* ta' l-**artikolu 14 (2) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi a bazi tal-istess artikolu, l-attur *nomine* baghat ittra ufficjali datata 23 ta' Frar 2005 (Dok. "C" a fol. 8) lill-konvenut fejn gharrfu illi ma kienx ser igedded il-kera tal-fond bin-numru 11 fi Triq Manwel Dimech f'Tas-Sliema mill-iskadenza trimestrali li kienet taghlaq fl-4 ta' Marzu 2005 jekk mhux bil-kera ta' elf Lira Maltin (LM1,000) illum ekwivalenti ghal elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Illi qabel ma' jigi kkunsidrat dan il-punt jinghad li fl-ewwel lok l-attur *nomine* permezz ta' l-ewwel talba qieghed jitlob illi c-cedoli ta' depozitu tal-kera bin-numri 802/05 u 803/05 (Dok "A" u Dok. "B" a fol. 6 u fol. 7 tal-process rispettivament) ghandhom jigu ddikjarati minghajr ebda

validita` u dan in vista tal-fatt illi ma sarux skont il-ligi ghaliex tali skadenzi ta' kera effettivament qatt ma' gew offerti mill-konvenut lill-attur *nomine*, u b'hekk l-istess pagamenti qatt ma gew allura rifjutati mill-attur *nomine*.

Illi dan sar kollu fl-isfond tal-fatt li l-istess konvenut ma prezenta l-ebda rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera skont id-disposizzjoni tal-**artikolu 14 (2) tal-Kap. 69** li fil-verita' legalment ma jiffissa l-ebda terminu ghall-prezentata ta' tali rikors *da parte* tal-inklwilin.

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet u bl-ebda mod ma huwa kkontestat illi l-konvenut fil-fatt gie notifikat bl-ittra ufficjali datata 23 ta' Frar, 2005 hawn fuq imsemmija. Ma huwiex ikkontestat lanqas il-fatt illi l-konvenut ma intavolax rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jopponi ghall-awment fil-kera u l-bdil fil-kundizzjonijiet tal-kera, minkejja diversi talbiet ta' l-attur *nomine* sabiex jaghmel dan inkluz b'ittri legali datati 24 ta' Mejju 2005 (Dok. "D"), 6 ta' Gunju 2005 (Dok. "F"), 7 ta' Lulju 2005 (Dok. "G") u 11 ta' Ottubru 2005 (Dok. "H").

Illi mill-istess korrispondenza esebita mac-citazzjoni attrici jirrizulta li attwalment l-istess kirjiet qatt ma gew offerti mill-konvenut lill-attur *nomine*, u dan anke meta l-istess attur *nomine* ndika perrmezz ta' ittra datata 6 ta' Gunju 2006 (Dok. "F") li huwa kien dejjem lest li jaccetta tali hlas ta' kera bla pregudizzju ghat-talba minnu maghmula u ghall-ezitu ta' l-eventwali procedura quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera.

Illi ghal dan il-konvenut ma jidhirx li kellu xi forma ta' risposta u ghalhekk jirrizulta li meta l-konvenut ghazel illi jiddepozita l-kera taht l-awtorita` tal-Qorti minflok ma' l-ewwel offriha lill-attur *nomine*, din kienet ghazla arbitrarja u unilaterali tieghu, ghazla li ma hijiex ikkontemplata fil-ligi gjaladarba il-kera ma gietx irrifjutata mill-attur (ara xhieda ta' Av. Vincent Falzon a fol. 68 *et sequitur*).

Illi d-dispost tal-ligi huwa car in kwantu r-rimedju offrut lill-kerrej huwa li jipprezenta rikors quddiem il-Bord. Il-ligi fil-fatt ma taghtihx il-fakulta` li jaghzel rimedju iehor bhal,

perezempju, li jiddepozita l-kera taht l-awtorita` tal-Qorti hekk kif ghamel il-konvenut fil-kaz in ezami u dwar l-istess cedola ma' jirrizultax li tali kera giet effettivament offerta mill-konvenut lill-attur *nomine* u allura lanqas giet rifjutata mill-istess attur *nomine.* B'hekk l-ewwel talba qed tigi milqugha.

Illi dwar it-talbiet l-ohra jirrizulta car mid-dispost hawn fuq imsemmi u cioe` s-**subinciz (2) ta' l-artikolu 14** illi l-kerrej ghandu jpprezenta rikors quddiemha l-Bord li Jirregola l-Kera (Bord) sabiex dak l-awment fil-kera u/jew il-kondizzjonijiet godda mgharrfa lilu permezz ta' l-ittra ufficjali mibghuta mis-sid jigu michuda. Fin-nuqqas ta' dan ir-rikors, iz-zieda jew il-kondizzjonijiet godda proposti jitqiesu li gew accettati mill-kerrej. Dan id-dispost pero` jonqos illi jipprefiggi terminu li fih il-kerrej ghandu jintavola dan ir-rikors.

Illi fil-verita' dawn il-Qrati lokali gew affaccjati diversi drabi b'din il-*lacuna* fil-ligi u fil-fatt f'tali cirkostanzi jkunu l-Qrati illi jipprefiggu dan it-terminu sabiex il-kerrej jintavola dan ir-rikors (**"Andrew Agius vs Saviour Magro"** P.A. (RCP) – 3 ta' Mejju 2007; **"Alfred Gera & Sons Limited vs Korporazzjoni Enemalta"** P.A. (JRM) – 5 ta' Lulju 2001; u **"Victor Coppini et vs Maltapost plc"** – P.A. (RCP) - 3 ta' Ottubru 2000).

Illi pero` l-konvenut jeccepixxi illi din il-kawza hija ostakolata bil-gudikat ta' sentenza tal-Bord illi Jirregola l-Kera fl-ismijiet **"Anthony u Maria Lorraine mizzewgin Ferris vs Inez Vella et"** (Dok. "AF1" a fol. 42 *et sequitur.*) fejn il-Bord fuq l-istess hanut iddecieda li la darba l-kera attwali hija diga` izjed minn l-40% mill-kera gust li bih il-fond seta' jinkera qabel l-4 ta' Awissu 1914 (u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 4 (1b) tal-Kap 69)** allura ma kienx hemm bazi ta' awment ta' kera.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li huwa risaput pero` illi sabiex tirnexxi l-eccezzjoni tar-*res judicata* jehtieg li jkun hemm il-konkorrenza ta' tlett elementi u cioe' *eadem res*, *aedem personae* u *eadem causa petendi*. (**"Joseph Camilleri vs Lilian Mallia"** (Qorti ta' l-Appell – 5 ta' Ottubru 1998);

**“Doris Attard vs Julian Borg et”** (Qorti ta’ l-Appell - 28 ta’ Gunju 2001); u **“Edmea Pace vs Edward Pavia”** (P.A. - 3 ta’ Lulju 2003).

Illi jirrizulta illi fil-kaz in ezami, ir-rekwiziti hawn imsemmija ma jikkonkorrux sabiex din il-Qorti tkun tista’ tilqa’ din l-eccezzjoni. Minkejja illi l-vertenza tirrigwarda l-istess oggett u cioe` l-fond mikri lill-konvenut, il-vertenza in ezami ma tirrizultax illi hija l-istess bhal dik fil-kaz citat. Fil-fatt jirrizulta li fid-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera citata mill-konvenut, il-vertenza bejn il-kontendenti kienet wahda dwar l-awment *o meno* tal-kera u din hija kompetenza esklussiva tal-istess Bord tal-Kera skont id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 69,** tant li fl-istess decizjoni citata kien fil-fatt proprju l-konvenut li beda l-proceduri quddiem il-Bord sabiex jopponi ghall-awment propost mis-sid.

Illi l-kawza odjerna u ghalhekk il-vertenza odjerna bejn il-partijiet hija ta’ natura ghal kollox differenti in kwantu il-Qorti illum qeghda tintalab tiddeciedi sabiex il-konvenut jigi moghti terminu qasir u perentorju sabiex jipprezenta rikors u b’hekk jintavola proceduri quddiem il-Bord sabiex tigi kontestata tali talba maghmula b’ittra ufficjali mill-attur *nomine* ghall-awment ta’ kera. Ghalhekk il-proceduri quddiem din il-Qorti ma humiex intizi sabiex din il-Qorti tiddeciedi hi dwar jekk l-awment ta’ kera mitlub huwiex gust skont il-ligi jew le. Mela allura din l-eccezzjoni ma tistax tissussisti fil-konfront tal-kawza odjerna ghaliex in-natura tat-talbiet proposti fiz-zewg kawzi huma ghall-kollox differenti.

Illi ghalkemm dan huwa l-kaz ma hemm xejn x’izomm lill-konvenut, li jekk ikun opportun, iqajjem tali decizjoni fl-element sostantiv taghha (li la darba l-kera attwali hija diga` izjed minn  l-40% mill-kera gust li bih il-fond seta’ jinkera qabel l-4 ta’ Awissu 1914 allura ma jistax issir awment ulterjuri) quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, li huwa proprju l-organu kompetenti sabiex jiddeciedi dwar l-ammont ta’ kera li bih ghandhu jikera l-istess fond.

Illi fil-fatt is-sentenza citata mill-konvenut hija wahda moghtija mill-Bord Li Jirregola l-Kera u mhijiex sentenza

ta’ din il-Qorti. Dan ikompli jikkonferma d-differenza bejn l-indoli tal-kawza in ezami u dik tal-kawza citata u dan in vista ukoll tal-kompetenza differenti illi ghandhom dawn iz-zewg organi gudizzjarji.

Ill b’zieda ma’ dan, jinghad illi fil-kaz citat kien il-konvenut Anthony Ferris li intavola l-proceduri kontra s-sid u dan ikompli juri kemm in-natura tal-vertenza hija ta’ natura differenti. Jigi osservat ghall-kompletezza li effettivament lanqas il-partijiet fil-kawza citati ma huma l-istess partijiet bhal fil-kaz in ezami.

Illi filwaqt illi l-Qorti tichad din l-eccezzjoni in vista ta’ l-osservazzjonijiet hawn maghmula, din il-Qorti tirrileva illi ma tistax tistrieh fuq is-sentenza citata mill-attur fl-ismijiet **“Dr. Raymond Bondin et noe vs Kavallier James G. Gollcher** (Bord li Jirregola l-Kera – 9 ta’ Jannar 2008). Ghalkemm fil-kawza hawn citata, ukoll tressqet l-eccezzjoni tal-gudikat, il-kunsiderazzjonijiet tal-Bord fil-kaz imsemmi kienu jirrigwardaw proprju l-mertu tal-pendenza quddiem l-istess Bord. Il-Bord kellu jiddeciedi, hekk kif ghamel, jekk tali talba ghall-awment *ai termini* ta’ l-**artikolu 14 (2)** setghatx isir iktar minn darba jew le. Il-Bord gie mitlub jiddeciedi dwar jekk rikors intavolat *ai termini* ta’ l-**artikolu 14 (2)** li gie deciz mill-Bord kienx jikkostitwixxi *res judicata* jew le bejn il-partijiet.

Illi din il-Qorti ma gietx mitluba tiddeciedi dwar l-awment o meno tal-kera, anke ghaliex dan ma jaqax taht il-kompetenza taghha. Huwa l-Bord illi, jekk ikun il-kaz, ser jiddeciedi jekk l-awment u t-tibdiliet fil-kirja ghandhomx jigu awtorizzati jew le u huwa l-Bord illi ser jiddeciedi jergax jikkunsidra talba ghall-awment gjaladarba diga` ddikjara fuq l-istess hanut li ma jistax jawtorizza awment peress illi l-kera dak in-nhar kienet diga` teccedi l-40% mill-kera gust li bih il-fond seta’ jinkera qabel l-4 ta’ Awissu 1914 u dan f’sentenza precedenti tieghu. Isegwi li huwa l-istess Bord li ghandu jiddeciedi fuq il-portata tal-istess sentenza tieghu citata mill-konvenut u wkoll fuq l-applikazzjoni u/jew effetti tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap. 69.**

Illi fil-fatt dan huwa konformi ma' dak li gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **"Andrew Agius et vs Saviour Magro"** fejn inghad li meta ssir referenza ghall-**artikolu 14 (2) tal-Kap. 69** dak li jadixxi l-kompetenza esklussiva ta' l-istess Bord huwa proprju r-rikors tal-kerrej li jkun ircieva l-att gudizzjarju hemm indikat, u fin-nuqqas ta' l-istess hija l-ligi li tipprovdi ghall-konsegwenzi ta' l-istess, u l-kompetenza tibqa' f'idejn il-Qorti odjerna, li ghandha kompetenza in generali u dan skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 tal-Kap. 12** u dan jikkonferma d-differenza fuq il-mertu ta' din il-kawza u dik citata mill-konvenut.

Illi ghalhekk fl-isfond ta' dan fil-waqt li qed jigu michuda l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u filwaqt li din il-Qorti tichad it-tieni talba attrici, (peress li n-nuqqas tal-konvenut li jipprezenta rikors quddiem il-Bord wara l-ittra ufficjali tal-attur *nomine* ma jwassalx ghall dak indikat fl-istess talba, izda biss sabiex jigi ffissat terminu lilu sabiex jipprezenta l-istess rikors quddiem il-Bord skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 14 (2) tal-Kap. 69), tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad it-tieni, t-tielet u r-raba' eccezzjoni tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz u **fil-waqt li tichad it-tieni talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara z-zewg depoziti li saru mill-konvenut biz-zewg cedoli numri 802/02 u 803/05 (Dok "A" u "B") ma sarux skont il-ligi u ghalhekk ma ghandhom ebda validita` legali;

3. Tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza li fih il-konvenut ghandu jipprezenta rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex permezz tieghu jitlob li tigi ffissata l-kera xierqa tal-istess fond u b'hekk tigi rigettata t-talba ghall-

awment tal-kera kif fuq imsemmija permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Frar, 2005.

4. Tiddikjara li jekk il-konvenut jonqos li jipprezenta r-rikors fit-terminu qasir u perentorju stabbilit minn din il-Qorti skont it-tielet talba ta' din ic-citazzjoni, l-istess konvenut jitqies li huwa ddekada u li konsegwentement l-awment mitlub mill-attur *nomine* fl-ittra ufficjali datata 23 ta' Frar 2005 jigi meqjus bhala accettat mill-konvenut inkwilin b'dan li l-kera tal-fond hemm indikat tkun ta' (€2,329.37) (Lm1,000) fis-sena b'effett mill-4 ta' Marzu 2005 kif mitlub fl-istess ittra ufficjali tat-23 ta' Frar 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------